

21999D1028(02)

L 277/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.10.1999

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 107/98****tas-27 ta' Novembru 1998**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjonijiet tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għaliha bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/98 tal-25 ta' Settembru 1998 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva 97/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ottubru 1997 li temenda għas-sittax-il darba d-Direttiva 76/769/KEE dwar l-apprōsimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet u l-marketing u l-użu ta' ċerti sostanzi u preparazzjonijiet perikolużi <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 4 (Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

**“— 397 L 0056:** Id-Direttiva 97/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ottubru 1997 (ĠU L 333, ta' l-4.12.1997, p. 1).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 97/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' Novembru 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1998.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, tat-22.7.1999, p. 62.

<sup>(2)</sup> ĠU L 333, ta' l-4.12.1997, p. 1.